KUNSILL LOKALI — KALKARA — LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7/2023

19 ta' Lulju 2023

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fil-11 ta' filghodu.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma Kienx hemm

**ASSENTI:**

Christopher Bruno - Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

7.1 **Qari ta' ittri ta' apoloġija**

7.1. Ma kellniex.

7.2 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

7.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 6.23 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

7.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sinjura Maria Sultana u ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas l-minuti ġew approvati unanimament.

**Punti mill-Minuti Preċedenti :**

7.3 **6.4.2 Permess għal żvilupp Triq il-Progress**

Is-Sindku spjega fejn fis-6 ta' Lulju kien hemm smieħ għal-ewwel darba minn naħa tal-Planning Authority fejn anke l-kunsill kien preżenti. Barra minn hekk sadanittant ir-residenti flimkien mal-periti li qiegħedin jaħdmu fuq dan l-istess proġett ingħaqdu waqt laqgħa li saret matul dan ix-xahar ġewwa l-uffiċini tal-kunsill. Il-preżentazzjoni saret minn naħa tal-Periti biex b'hekk ukoll ir-residenti ikollom ħjiel u stampa ta' dak li ħa jkun qed isir. Is-Sindku qal illi għada 20 ta' Lulju, s-Sindku ser ikun preżenti personali għal smieħ ieħor ġewwa il-Planning Authority bħala parti mill-board imħejji kif ukoll ser ikollu vot. Is-Sindku żied jgħid illi tajjeb li wieħed jifhem illi ż-żona diġà ġiet mgħoddija bħala żona għal iżvilupp iġifieri din il-kwistjoni m'hijiex xi ħaġa illi wieħed irid jiddeċiedi hux ser tingħata ż-żona mill-bidu għal iżvilupp imma kontinwita' fuq il-permess oriġinali. Is-Sindku żied jgħid illi l-proġett inbidel mas-snin skond dak ukoll li talbu l-Planning fejn wieħed jista' jara anke dehra u bdil drastiku fiha li jinkludu gallarijiet Maltin , passaġġi ġodda u ħafna aktar. Ir-Residenti qed jilmentaw minħabba l-parkeġġ, nuqqas ta' veduta u li ż-żona ser tkun vgata bil-bini fiż-żona. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera fuq punti bħal, ilquħ ta' ilma, nuqqas ta' parkeġġi u dak kollu li tista' blokka bħal din iġġib magħha fil-lokal u kullimkien, il-kunsill iddeċieda illi per Prinċipju wieħed għandu jivvota kontra però kulħadd huwa konxju illi jekk din iż- żona mhux ħa tinbena issa jaf jgħaddi ż-żmien u tinqala' l-istess kwistjoni għax iż-żona hija skemata għal bini u dan il-fatt ma jista' jħassru ħadd. Il- kunsill iddeċieda illi hu qiegħed hawn biex jirrappreżenta r-residenti u r- residenti taż-żona jinsabu imdejqin b'din il-kwistjoni anka jekk hi battalja mitlufa.

**6.4.5 Knis**

Is-Sindku qal illi wara li kien hu stess ġab għal attenzjoni tal-kunsill l-ammont ta' ħmieġ li kien hawn madwar il-Kalkara bin-nuqqas ta' kenniesa, illum jinsab sodisfatt ħafna illi f'ġimgħatejn b'kenniesa ta' kuntrattur daru kważi kullimkien

inkluż qtuħ ta' ħaxix li kien tela' ġmielu f'żoni aktar minn oħra. Fis-seduta preċedenti l-kunsill kien ġa ħa deċiżjoni li terġa' tinħareġ is-sejħa la darba l-prova ta' bla kennies tal-kuntrattur ma' ħadmitx, però s-Sindku saħaq illi hu fil-parir illi s-sejħa ma' toħroġx għal kennies kuljum imma tinħareġ abbażi ta' kennies wieħed f'ġimgħa fix-xahar bi klawżoli li f'jiem speċjali l-kunsill ikun jista' jitlob għal ġranet extra minn dak fl-iskeda. Dan ukoll ser ikun ta' gwadan fejn jidħlu finanzi tal-kunsill għax hekk l-offerturi interessati ser jikkwotaw abbażi ta' Ġimgħa u mhux abbażi ta' xahar sħiħ b'servizz kuljum. Il-kunsill qal ukoll illi tajjeb illi tinġieb kwotazzjoni għal makkinarju aktar modern bħal vacuums għal ħaddiem tal-kunsill biex minflok tintuża xkupa tintuża din il-'vacuum' fejn ukoll tgħaġġel aktar fil-proċess tal-knis.

### 6.4.7 Festa

Is-Sindku saħaq illi għaddiet festa oħra għal grazzja tal-ħanin Alla, wara ħafna xogħol ta' preparamenti mill-partijiet kollha involuti inkluż il-kunsill, forsi lanqas wieħed jista' jimmaġina l-ġenn u l-hassle u kemm irid wieħed ikun 'on point' ġurnata b'ġurnata biex dak kollu li jkun qed jiġri matul il-ġimgħa tal-festa ma jkunx ta' detterent għal pubbliku 'in ġenerali'. Is-Sindku rringrazzja formalment il-kull min kien involut fil-festa speċjalment il-ħaddiema tal-kunsill li ħaddmu id f'id f'dawn il-ġranet li kienu tant impenjattiva. Is-Sindku semma ħaddiem partikolari fejn sal-ġurnata tal-lum ma nafux x'sar minnu, iċempillu ma jaqbdekx eċċetra eċċetra. Il-kumpanija li tħaddmu infurmata wkoll. Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu inħadmet tajjeb ħafna anke ż-żewġ każini kienu kuntenti saħansitra bagħtu email ta' ringrazzjament. Inġabru wkoll 5000 flixkun bl-inizjattiva wkoll tal-kunsill li tinġieb magna tal-BCRS temporanja għaż-żmenijet tal-festa. Għal sena oħra b'sens ċiviku l-festa saret u saret b'mod tajjeb ħafna hekk kif ukoll ġie organizzat minn qabel flimkien mal-Pulizija biex ma jkunx hemm inkwiet nhar il-Ħadd tal-festa waqt il-marċ ta' filgħodu. Il-każini kkonċernati żammu eżatt mal-ħin miftiehem saħansitra tneħħew il-barrikati minn bejniethom u kien ta' pjaċir immens li tara għal mument iż-żewġ każini maqbudin u jieħdu pjaċir flimkien bil-kunsens tal-presidenti rispettivi kif ukoll tas-surġent 'on duty'.

## 7.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:

1. **Campers**

Is-Sindku nforma l-kunsill dwar liġi ġdida li inħarġet ftit tal-ġranet ilu fejn ukoll spjega illi qed jinħarġu permessi skond il-liġi meta wieħed japplika online jew il-kunsill. Is-Sindku qal illi l-aktar talbiet li kellna s'issa qed ikunu għal Bajja ta' Rnella. S'issa tajjeb li wieħed jinnota ħabba n-natura tal-Bajja l-kunsill ma jistax japprova aktar minn 3 campers/caravans at 'one go' 'l għaliex l-ispazju hija wieħed vera ristrett.

2. **Tender BULKY**

Is-Seg Eżek spjegat rapport dettaljat imħejji mill-'board members' f'dan ir-rigward fejn il-kunsill unanimament qabel ma' dan ir-rapport biex b'hekk jitkompla l-proċess skond il-liġi hekk kif tirrikjedi s-sistema tal-EPPS u la darba jgħaddu l-ġranet tal-appell il-kunsill ikun jista' jiltaqa' u jiddiskuti l-'way forward' mal-kuntrattur li kien 'compliant' għal din is-sejħa.

3. **Riżenja Seg Eżek**

Is-Seg Eżek tat l-ittra ta' riżenja lill-Kunsill waqt din is-seduta, is-Sindku qara dak li kien hemm miktub.

Is-Sindku qal illi s-Seg Eżek infurmatu b'din l-aħbar u biex għal jiem tal-festa ma nidemoralizzawx il-ħaddiema f'jiem impenjattiva ħafna.

Is-Sinjura Sultana qalet illi iddispjaċiha li hi saret taf minn nies ta' barra milli mill-kunsill jew mis-Sindku. Is-Sindku qal illi s-sentiment jifhmu imma bla ebda intenzjoni ma ħeba jew xekkel milli jinforma l-kunsill b'din ir-reżenja.

Is-Sindku qal illi s'issa diġà kellem id-dipartiment fuq ir-rigward ta' kif ser issa ser tinħareġ il-call biex finalment ikun hawn Seg Eżek full time. Is-Sindku qal illi l-kunsill ser jgħaddi minn perjodu antipatku ta' kwistjoni li mhux ħa jkun hawn xi ħadd on point il-ħin kollu.

Il-kunsill filwaqt li rringrazzja lis-Sinjorina Elaine Caruana tal-ħidma kontinwa tagħha fi ħdan il-Kunsill Lokali Kalkara, qabel unanimament illi sa ma tinħareġ sejħa għas-Seg Eżek ġdid id-deputat jieħu post is-Seg Eżek u bil-għajnuna tas-Sinjorina Elaine Caruana ikun żmien ta' tranżizzjoni bl-inqas turbolenzi possibli. Is-Sur Duncan Hall , aċċetta li jkun id-deputat sa ma tinħareġ is-sejħa l-ġdida formalment u ser ikunu qed jintbghatu id-dokumenti neċessarji biex tibda din it-tanzizzjoni kemm mad-dipartimetn kif ukoll mal-banek lokali.

Il kunsill awgura minn qalbu lis Sinjorina Caruana ghal avvanz fil karriera taghha wara li kisbet ir riżultat mixtieq minna stess.

4. **Ftuħ tal-Ġnejnet Ziam**

Is-Sindku nforma l-kunsill dwar il-proċess li hu għaddej fil-preżent fl-istadji finali ta' dan il-proġett fejn ukoll ħabbar illli l-'launch uffiċjali' ħassir ten tattivament fis-26 ta' Lulju dan wara ħafna sforzi minn kulħadd inkluż mill-kuntrattur, Project Green aħna bħala kunsill u kull min kien involut. Tajjeb ukoll li wieħed isemmi illi diġà kellna każi li daħlu xi tfal ġoż-żona fejn ukoll għadu magħluq b'katnazz fejn ukoll telaw il-pulizija joħorġuwom il-barra. Wieħed irid jifhem illi xorta din iż-żona ġiet upgredjata għal aħjar irrelevanti minn ċerti abbużi l-għaliex issa ser tkun żona frekwentata wkoll minn nies li jibżgħu għal lokal li jaf ikunu ta' eżempju għal oħrajn li forsi ma jagħtux każ daqshekk. Is-Sindku nforma wkoll il-kunsill illi l-isem uffiċjali ser ikun Ġnejnet iċ-ċkejken Ziam fuq suġġeriment tas-Sinjura Maria Sultana.

5. **Aacc Works-anzjani**

Is-Sindku nforma l-kunsill dwar ix-xogħolijiet li għadejjin fil-preżent f'dik il-kamra li l-kunsill dejjem sejħila l-IT. Ix-xogħol miexi ġmielu fejn sa ftit żmien oħra jekk Alla jrid jiġi komplut u tinbeda l-loġistika biex finalment jiġi inawgurat u jgawduh l-anzjani tagħna.

**6 Lejla Rnella**

Is-Sindku kkonferma illi din l-attivita' ser issir nhar id-19 ta' Awwissu , huwa nforma l-kunsill illi l-loġistika bdiet min naħa tiegħu stess abbinat ukoll mal-fondi li l-kunsill ġab biex tittella' din l-istess attività inkluż l-organizazzjoni dan wara wkoll illi din l-istess attività saret is-sena l-oħra u wieħed jitgħallem mill-iżbalji jew fejn dejjem ikun hemm lwok li wieħed jirranġa f'dak kollu li jkun possibli b'eventwalita' illi kull sena ittejjeb l-attivita' ħabba raġunijiet ovvji.

## 7.5 Korrespondenza:

Ma kienx hemm

## 7.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;

**Vincent Bonagials**

Is-Sur Bongailas informa l-kunsill illi fil-jiem li ġejjin ser ikun qed jgħaddilu l-informazzjoni kollha dwar l-attivitajiet sportivi li hu ser ikun qed jorganizza biex b'hekk tittella' din l-istess informazzjoni fuq il-midja soċjali uffiċjali tal-

kunsill u jinfetħu l-bookings mill-uffiċini amministrattivi tal-kunsill stess għal min hu interessat.

**1 Speranza Chircop**

- Ħarġiet Kulturali

Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill dwar żewġ ħarġiet li ser tkun qed torganizza għax-xhur ta' Settembru u Ottubru fejn waħda minnhom ser tkun għal Għawdex. Aktar informazzjoni ser tkun qed tgħaddija aktar il-quddiem minħabba l-fatt li għadu kmieni biex tagħti konfermi.

**7.7 Punti Ġenerali**

1. Vince Bongailas

- Konkos maqsum mal-moll

Is-Sur Bongailas qal illi tajjeb li l-kunsill jinnota din il-kwistjoni mal-awtoritajiet ikkonċernati speċjalment ma' min hu responsabbli mill-proġett tar-riġenerazzjoni tax-Xatt.

Is-Sindku talab lis-Sur Bongailas biex jibgħatlu xi ritratti prova ta' dak li qed jgħid ħalli jkun jista' jibgħat in-nies kkonċernati fuq din il-kwistjoni.

- Tankijiet ta Rnella

Is-Sur Bongailas saħaq illi wara li spjega tas-Sindku xhur ilu fuq din il-kwistjoni l-kunsill għandu jerġa' jibgħat formalment il min hu kkonċernat biex dak il-vot li kien ħa f'leġislatura tal-Gvern preċedenti terġa' tittella' Parlament biex terġa' tiġi diskussa għal darb'oħra. Is-Sindku ssuġerixxa illi għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur li joperaw dawn it-tankijiet biex wieħed jivverifika l-affarijiet qabel mal-kunsill itella' din il-kwistjoni mal-Gvern Ċentrali.

- Pots vojta

Is-Sur Bongailas saħaq illi l-pots li hawn madwar il-lokal vojta wieħed għandu jaħseb biex la darba jispiċċa s-Sajf dawn jerġgħu jimtlew bil-ħamrija u jitħawlu pjanti tajbin . Is-Sinjura Sultana qalet illi tajjeb ukoll li l-kunsill jippromovi l-manutenzzjoni tagħhom mar-residenti hekk kif diġà hemm postijiet fejn issir hekk bil-'buona volontà' tar-residenti.

- Żbir ta' siġar fit-tela' ta' Esplora

Is-Sur Bongailas talab lis-Seg tikkomunika mal-Contracts Manager biex isir żbir neċessarju ta' siġar li qed jostakolaw il-bankina n-naħa ta' Esplora u l-inħawi.

2 Speranza Chircop

- Plakka Sea Bin

Is-Sinjura Chircop qalet illi wieħed għandu jiftakar illi kellha ssir plakka kommemorattiva la darba jerġa' jitweħħel is-Seabin fiż-żona tax-Xatt dan wara illi hi kellha parti kbira minn dan il-proġett fejn saħansitra inġabru fondi apposta biex eventwalment issir din il-plakka bl-ismijiet kollha tad-donaturi li taw semhom biex dan il-proġett isir.

Is-Sindku qal illi hemm korrispondenza ta' ftit jiem ilu fuq dan ir-rigward bejn il-partijiet ikkonċernati, pero' qabel ma jitlesta x-Xatt ma jistax jerġa' jitweħħel imbgħad wieħed jiddiskuti t-twaħħil tal-plakka la darba dan iseħħ u jkun qiegħed imweħħel f'postu hekk kif diġa' kien mifthiem qabel ma beda l-proġett ta' riġenerazzjoni.

2. Problema Housing Għassieli

Is-Sinjura Chircop innutat problema bejn inkwilini tal-istess blokka fejn ħabba negliġenza ta' xi persuni qed ibgħatu oħrajn li huma bi bżonnijiet speċjali fosthom ħabba l-fatt illi ma jistax jintuża l-lift. Is-Sindku talab lis-Sinjura Chircop tibgħatlu privatament l-informazzjoni kollha biex jara x'jista' jagħmel minn naħa tiegħu mal-awtoritajiet ikkonċernati.

**<u>7.8 Mistoqsijiet lis-Sindku:</u>**

Ma kienx hemm

**7.9 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm.

7.10

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 7.23

**7.1 12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fis-1:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat-23 ta' Awwissu 2023 fis-2:00 ta' wara nofsinhar

Konfermati, illum ______________________________

| | |
|---|---|
| **Wayne Aquilina** | **Elaine Caruana** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |